24 ta' Jannar, 1948.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Carmela Portelli et. *versus* Annunziata Portelli

**Likwidazzjoni ta' Eredità — Trafugament ta' Sustanzi Ereditarji — Diviżjoni — Komunjoni ta' l-Akkwisti — Xorti u Assenjazzjoni — Art. 547 tal-Kodiċi Civili.**

*Il-kwistjoni ta' trafugament ta' sustanzi ereditarji, f'materja ta' likwidazzjoni ta' eredità, aktarx milli waħda ta' aċċertament tal-massa dividenda, hija prevalentement waħda ta' aċċertament tat-trafugament ta' sustanzi ta' l-assi, li tista' tippreżenta aspetti ġuridiċi speċjali, sewwa fl-intavolament tagħha kemm fil-kontestazzjoni.*

*Għalhekk dejjem kienet prattika tal-Qrati Tagħna li f'każijiet simili għandu jkun hemm azzjoni appożita li fiha l-kwistjoni tiġi eżawrjentement diskussa "ad hoc".*

*Iżda mhux bil-fors għandha tiġi mwaqqfa l-azzjoni prinċipali tal-likwidazzjoni sakemm tiġi definita l-kwistjoni kollaterali tat-trafugament; imma ċ-ċirkustanzi tal-każ jistgħu jissuġġerixxu li l-likwidazzjoni ma tiġix sospiża, u dik il-kwistjoni tibqa' riżervata għal ġudizzju separat. U jekk f'dan il-ġudizzju separat jirriżulta li jkun hemm xi żieda fis-sustanzi li għandhom jinqasmu, allura jkun hemm lok għal diviżjoni supplementari.*

*Il-fatt li wieħed iżomm xi merkanzija tan-negozju tiegħu fil-fond li jinsab mikri għandu, destinat u użat għall-abitazzjoni tiegħu, ma jneħħix lil dak il-fond l-indoli lilu impressa mill-użu prevalenti ta' l-abitazzjoni. Għaldaqstant l-inkwilinat ta' dak il-fond ma jidħolx fil-massa fil-qasma.*

*Ma hemm xejn oġġezzjonabili mill-punt di vista legali illi l-konsisten-*

*za tal-massa ereditarja, kwantu għas-sustanzi provenjenti minn negozju, tiġi kunsidrata riferibilment għal data diversa minn dik tal-mewt tad-decujus.*

*Huwa veru li l-ko-akkwisti għandhom jinqasmu f'żewġ ishma ugwali, u li għalhekk jista' jidher illi d-diviżjoni għandha ssir bix-xorti. Imma l-massima tas-sorteġġ tal-kwoti meta dawn huma ugwali ma hix imposta bħala obbligu impreskindibili, imma bħala norma li għandha tiġi segwita meta ma jkunx hemm raġunijiet speċjali li jissuġġerixxu s-sistema ta' l-assenjazzjoni u ma jkunx hemm preġudizzju għall-partijiet.*

——Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi talbu li jiġi likwidat l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti konjugali bejn il-konvenuta u bejn il-mejjet żewġha li tiegħu huma eredi leġittimi, u jiġi diviż dan l-assi f'żewġ porzjonijiet ugwali, li jiġu assenjati waħda lill-konvenuta u l-oħra lill-assi ereditarju ta' l-istess Domenico Portelli; u li jiġi likwidat l-assi partikulari ta' l-istess Domenico Portelli, u jiġi maqsum bejnhom, in kwantu għal żewġ terzi minnu, u assenjat lill-konvenuta t-terz l-ieħor, skond l-art. 527 u 529 ta' l-Ord. VII ta' l-1868 u artikoli oħra tal-liġi; u talbu li jiġi nominat nutar biex jirċievi l-kuntratt tal-qasma u kuratur biex jirrappreżenta l-kontumaċi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat tad-deskrizzjoni tas-17 ta' Settembru 1945 u tal-mandat tas-sekwestru tat-8 ta' Jannar 1946, kontra l-konvenuta, inġunta biex tidher personalment għas-subizzjoni;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat:**

Illi l-perit legali, fir-relazzjoni elaborata tiegħu, ippremetta avvedutament diversi kwistjonijiet li s-soluzzjoni tagħhom kienet indispensabilment meħtieġa sabiex isiru l-likwidazzjonijiet mitluba, u hu għalhekk xieraq illi l-Qorti teżamina u tirriżolvi dawk fosthom illi jirrikjedu xi kummenti oħra minbarra s-sempliċi approvazzjoni tagħhom;

L-ewwel kwistjoni li affronta l-perit legali hija dik dwar il-konsistenza ta' l-oġġetti prezzjużi tal-massa in diviżjoni. Il-Qorti ssib korretta l-konklużjoni li waslet għaliha l-perizja. Infatti.... .......;

Inkwantu għall-kwistjoni dwar il-flus fil-kaxxaforti taddar fi Triq Santa Lucia, nru. 123, il-Belt Valletta, (fol. 163),

il-perit ġie għall-konklużjoni illi verament il-konvenuta approprjat ruħha minn dawk il-flus (fol. 168), iżda hu ssottometta li minħabba r-raġunijiet minnu żvolti ma kienx possibili, lanqas bil-kriterju "de bono et aequo", li hu jiffissa l-ammont ta' flus li hekk approprjat ruħha minnu l-konvenuta; u għalhekk ittralaxxja mill-likwidazzjoni l-konsiderazzjoni ta' dina l-partita;

Verament, għalkemm, jekk hu sewwa l-assunt li l-konvenuta messet xi flus tal-mejjet, allura dawn il-flus jidħlu għaddiviżjoni mas-sustanzi ereditarji l-oħra, eppure l-kwistjoni, aktarx milli waħda ta' aċċertament tal-massa dividenda, hija prevalentement waħda ta' aċċertament ta' trafugament ta' sustanzi ta' l-assi, li tista' tippreżenta aspetti ġuridiċi speċjali, sewwa fl-intavolament tagħha kemm fil-kontestazzjoni, u dejjem kienet pratika ta' dawn il-Qrati li f'każijiet simili għandu jkun hemm azzjoni appożita li fiha l-kwistjoni tiġi eżawrjentement diskussa "ad hoc". Normalment, azzjoni simili tkun dupliċi—aċċertament tar-responsabilità għall-approprjazzjoni, u f'każ affermativ likwidazzjoni tal-"quantum"—kwistjoni dupliċi li teħtieġ istanza separata;

Ordinarjament kien ikun il-każ li wieħed iwaqqaf l-azzjoni prinċipali tal-likwidazzjoni sakemm tiġi definitivament deċiża din il-kwistjoni l-oħra kollaterali; iżda f'dan il-każ il-Qorti taħseb illi, sabiex ma tiġix ritardata d-diviżjoni, bi preġudizzju ta' l-interessi tal-kontendenti, partikolarment in vista tal-pendenza msemmija fir-rikors fol. 252, miżmuma sospiża minħabba l-imminenza tad-diviżjoni (fol. 264), ikun aktar prattiku, molto pjù li min għandu interess jista', jekk irid, jikkawtela ruħu, li tingħata deċiżjoni, biss issir ir-riżerva li jeħtieġ għall-każ. Riżerva oħra simili, li tista' fil-futur timporta diviżjoni oħra ta' l-ammont li jista' jirriżulta se maj dovut, ma tirrendix il-likwidazzjoni u d-diviżjoni, li sejra tiġi ordnata, soġġetta għal xi revoka, għaliex, kif fuq pont analogu jgħid il-Laurent (Vol. X, para. 291, paġ. 241—Princip. Dto. Civ.), kull diviżjoni hi defintiva, u d-dritt ta' dawk li qasmu hu "irrévocable, e non può per conseguenza dipendere dalla nuova divisione che si farà dei beni rimasti indivisi. I due atti sono indipendenti l'uno dall'altro, e producono ciascuno il loro effetto separatamente". Dan hu anki l-prinċipju antik tad-Dritt

Ruman :— "Quod si quaedam res indivisae relictae sunt communi dividundo de his agi potest"; għaliex riżerva simili fis-sentenza tkun ekwipollenti għall-każ "nisi si quid fuerit ex communi consensu exceptum nominatim". Jekk dik ir-riżerva eventwalment iġġib għal xi żieda tas-sustanzi li għandhom jinqasmu, allura jkun hemm lok għal dak li fis-sentenza "Carbun utrinque", ta' din il-Qorti tat-28 ta' April 1899, ġie msejjaħ bħala "un supplemento alla liquidazione e divisione";

*Omissis* :

Ġiet anki mill-perit legali affrontata kwistjoni oħra, aġitata bejn il-kontendenti, jekk għall-fini tal-likwidazzjoni ta' l-assi tal-ko-akkwisti, għandux jiġi meħud in konsiderazzjoni l-valur tad-dritt ta' l-inkwilinat tal-fond nru. 123, Triq Santa Lucia, il-Belt Valletta. Issa, mill-provi deher illi dan il-fond kien mikri, destinat u użat, bħala abitazzjoni tal-mejjet, u ċ-ċirkustanza illi dan kien iżomm xi merkanzija fih ma tneħħilux l-indoli li tiġi impressa lill-fond mill-użu prevalenti bħala abitazzjoni. "Il giudice", jgħid il-Laurent, "non presume la destinazione del fondo, ma la constata". U appuntu f'dan il-każ il-kumpless taċ-ċirkustanzi juru illi dan il-fond kien fond użat għall-abitazzjoni; u għalhekk, irritjena sewwa l-perit, ma hemmx lok għall-konteġġ tal-valur ta' l-avvjament;

Waħda mill-kwistjonijiet l-aktar veementement dibattuti hija dik relativa għall-flus li l-atturi jgħidu li kellu l-mejjet Domenico Portelli qabel ma żżewweġ mal-konvenuta, flus li l-atturi jippretendu li kienu jilħqu ċ-ċifra mhux indifferenti ta' £9000. Il-perit eskluda din il-pretensjoni ta' l-atturi (fol. 183);

Il-Qorti, wara li rriflettiet fuq il-każ, tħoss li taqbel ma' din il-konklużjoni, anki wara x-xhieda li reġgħet tat quddiem il-Qorti l-istess attriċi Carmela Portelli; u ma' l-argumenti tal-perit il-Qorti żżid dawn ir-riflessjonijiet;

*Omissis* ;

Il-perit fil-likwidazzjoni tal-koakkwisti (fol. 185) ħa bħala bażi, għar-raġunijiet minnu ndikati, mhux id-data tal-mewt ta' Domenico Portelli (li tissenja d-data tax-xoljiment tal-komunjoni), imma d-data tal-15 ta' Frar 1947;

"Prima facie", dan jista' jidher kuntrarju għal-liġi għa-

liex jista' jagħti l-impressjoni illi l-perit tbiegħed mid-dispost tal-liġi li jgħid illi l-komunjoni tispiċċa bil-mewt ta' wieħed mill-konjuġi. Iżda fil-fatt il-pożizzjoni hi din: peress li n-negozju tal-kappellerija f'Kingsway baqa' jitmexxa wara l-mewt ta' Portelli, u għalhekk inbiegħet merkanzija, inxtrat merkanzija ġdida, u tħallsu debiti, għalhekk ġie li, bil-kunsens ta' l-interessati, l-istat ta' l-attiv u l-passiv li kien hemm fl-epoka tal-mewt kellu jitqies, għall-finijiet tal-likwidazzjoni, bħala dak tad-data tar-rendikont ta' l-istralċjarju; jiġifieri l-15 ta' Frar 1947. John Fleri, difatti, qabel dawn il-proċeduri kien ġie maħtur mill-interessati bħala amministratur tan-negozju ta' Portelli (ara fol. 25 tergo; ara wkoll fol. 38; u ara infine xhieda ta' l-istess John Fleri fol. 89). Għalhekk ma hemm xejn oġġezzjonabili, mill-punto di vista legali, illi l-konsistenza tal-massa tiġi kunsidrata, kwantu għas-sustanzi provenjenti min-negozju, riferibilment għad-data tal-15 ta' Frar 1947 minflok għad-data tal-mewt ta' Portelli; għaliex jiġi illi l-istess kontendenti—kollha kapaċi li jaljenaw—qegħdin jaqblu (kif ovvjament jimplika l-fatt li nnominaw estraġudizzjalment lil John Fleri bħala stralċjarju u kkummissjonawh ibiegħ l-avvjament, eċċ.) illi l-istat attiv u passiv jitqies b'riferenza għal dik id-data. Hu riċevut fil-ġurisprudenza illi "i consorti capaci di alienare possono fare convenzioni relative a divisione in qualunque modo e forma che essi credono convenienti" (App. "Zammit vs. Pisani", 7 ta' Mejju 1875);

Ikkunsidrat;

Illi fil-pjan tad-diviżjoni tal-koakkwisti l-perit ippropona li d-diviżjoni ssir b'assenjazzjoni;

Din il-proposta tista' "prima facie" tidher kuntrarja għad-dispost ta' l-art. 547 Kap. 23, li jgħid illi l-ishma jiġu mtellgħin bix-xorti, u jħalli li l-Qorti tiddeċidi jekk il-qsim għandux isir b'assenjazzjoni meta l-ishma ma jkunux indaqs;

Issa hu veru illi l-koakkwisti għandhom jinqasmu f'żewġ ishma ugwali, u għalhekk jista' jidher illi bil-fors id-diviżjoni għandha ssir bix-xorti; imma l-ġurisprudenza kontinentali, b'interpretazzjoni tad-dispożizzjoni bħal dik ta' Malta, irriteniet illi l-massima tas-sorteġġ tal-kwoti, meta dawn huma ugwali, ma hijiex imposta bħala "obbligo imprescindibile, bensì come norma comune da seguirsi quando ragioni speċjali

non consigliano invece il secondo sistema''. U appuntu f'dan il-każ jikkonkorru r-raġunijiet li hemm fol. 205 tar-relazzjoni. Mhux biss, imma f'dan il-każ iż-żewġ partijiet ugwali tal-koakkwisti ma humiex sejrin jibqgħu kif inhuma, għaliex waħda minnhom sejra tiġi suddiviża; u appuntu ġie ritenut illi ''quando una comunione sia da dividersi in parti uguali, una delle quali però debba suddividersi in parti pure uguali, spetta alla autorità giudiziaria lo stabilire se la distribuzione delle quote sia da farsi per attribuzione ossia per estrazione a sorte''. Għalhekk, sakemm ma jkunx hemm preġudizzju valutabili għall-konsorti, u purkè jkun hemm raġunijiet partikulari li jikkonsiljaw il-metodu ta' l-assenjazzjoni, dan jista' jiġi adoperat bla offiża għall-liġi (ara Fadda, comm. art. 996 capoverso para. 114-118-120-122-123-125, eċċ.);

*Omissis;*

Għal dawn ir-raġunijiet, prevja l-adozzjoni tal-konklużjonijiet tal-perizja, din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tillikwida l-assi tal-koakkwsti bejn il-konvenuta u l-mejjet żewġha, l-imsemmi Domenico Portelli, u tagħmilha *tikkonsisti f'dan li ġej :—*

*Omissis;*

*Tipprovvedi fuq it-tieni* domanda billi tillikwida l-assi partikulari ta' Domenico Portelli, u tagħmlu jikkonsisti fis-*sustanzi li sejrin jissemmew :—*

*Omissis;*

*Tibqa' riżervata* kwalunkwe *azzjoni,* ''si et quatenus'' ta' l-atturi kontra l-konvenuta dwar il-flus li ingħad li kien hemm fil-*kassaforti* tal-mejjet fid-dar Triq Santa Lucia, nru. 123, il-Belt Valletta (fol. 163);

*Omissis;*

Il-Qorti tinnomina sabiex jirċievi l-att tal-*likwidazzjoni u ta' diviżjoni* ..........;

L-ispejjeż, stante li l-konvenuta mill-assi globali jmissha *n-nofs ta' l-akkwisti pjù it-terz* tan-nofs l-ieħor, u għalhekk b'kollox żewġ terzi, jitħallsu kwantu għal żewġ terzi mill-konvenuta u kwantu għat-terz rimanenti mill-atturi f'partijiet indaqs. U b'hekk il-Qorti pprovdiet fuq id-domandi.